

32001D0442

12.6.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 155/18

**ID-DEĊIŻJONI TAS-SEGRETARJU ĠENERALI TAL-KUNSILL/RAPPREŻENTANT GĦOLI
GĦALL-POLITIKA KOMUNI BARRANIJA U TAS-SIGURTÀ****tat-8 ta' Ġunju 2001****dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fuq l-istabbiliment tal-Persunal Militari ta' l-Unjoni
Ewropea**

(2001/442/PESK)

IS-SEGRETARJU ĠENERALI TAL-KUNSILL/IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI GĦALL-POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ
KOMUNI,

Wara li kkunsidra t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 5 of tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/80/PESK tat-22 ta' Jannar 2001
rigward l-istabbiliment ta' Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU L 27, tat-30.1.2001, p. 7) li jipprovdi li
d-Deċiżjoni għandha tapplika minn ċerta data 'l quddiem li għandha tiġi deċiża mis-Segretarju
Ġenerali/ir-Rappreżentant Għoli wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika u s-Sigurtà u l-Kumitat Militari,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Militari (li ltaqa' fuq il-livell ta' Kapijiet tad-Difiża) tat-23 ta' Mejju 2001,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika u s-Sigurtà tad-29 ta' Mejju 2001,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/80/PESK tat-22 ta' Jannar 2001 dwar l-istabbiliment tal-Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea għandha tapplika mill-11 ta' Ġunju 2001 'il quddiem.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussell, fit-8 ta' Ġunju 2001.

Javier SOLANA

Is-Segretarju Ġenerali/Ir-Rappreżentant Gholi